

## TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-31 ta' Jannar 2008 — Buendía Sierra vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-97/05) <sup>(1)</sup>

(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2004 — Attribuzzjoni ta' punti ta' prijorità — Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti l-ġodda tal-Persunal fiż-żmien)

(2008/C 116/55)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

**Rikorrent:** José Luis Buendía Sierra (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: M. van der Woude u V. Landes, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u V. Joris, aġenti, assistiti minn D. Slater, avukat)

### Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjonijiet li jattribwixxu punti ta' prijorità lir-rikorrent taħt il-proċedura ta' promozzjoni 2004 u, min-naħa l-oħra, l-annullament tal-lista ta' mertu ta' l-uffiċjali tal-grad A\*11 promossi għall-grad A\*12 taħt il-proċedura 2004

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni li tistabbilixxi n-numru totali ta' punti ta' J. Buendía Sierra fir-rigward tal-proċedura ta' promozzjoni 2004 u d-deċiżjoni li ma jiġix promoss taħt din il-proċedura huma annullati.*
- 2) *Il-kumpliment tat-talbiet tar-rikors huma miċħuda.*
- 3) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbatl l-ispejjeż kollha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 10, 14.1.2006, p. 24 (Kawża inizzjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-380/05 u ttrasferita quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' digriet tal-15.12.2005).

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-31 ta' Jannar 2008 — Di Bucci vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-98/05) <sup>(1)</sup>

(Uffiċjali — Servizz Pubbliku — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2004 — Attribuzzjoni ta' punti ta' prijorità — Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti l-ġodda tal-Persunal fiż-żmien)

(2008/C 116/56)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

**Rikorrent:** Vittorio Di Bucci (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: M. van der Woude u V. Landes, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u V. Joris, aġenti, assistiti minn D. Slater, avukat)

### Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjonijiet li jattribwixxu punti ta' prijorità lir-rikorrent taħt il-proċedura ta' promozzjoni 2004 u, min-naħa l-oħra, l-annullament tal-lista ta' mertu ta' l-uffiċjali tal-grad A\*11 promossi għall-grad A\*12 taħt il-proċedura 2004

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni li tistabbilixxi n-numru totali ta' punti ta' V. Di Bucci fir-rigward tal-proċedura ta' promozzjoni 2004 u d-deċiżjoni li ma jiġix promoss taħt din il-proċedura huma annullati.*
- 2) *Il-kumpliment tat-talbiet tar-rikors huma miċħuda.*
- 3) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbatl l-ispejjeż kollha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 10, 14.1.2006, p. 24 (Kawża inizzjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-381/05 u ttrasferita quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' digriet tal-15.12.2005).